

Linji Gwida



**Linji gwida 5/2019 dwar il-kriterji tad-Dritt li tkun Minsi fil-
każijiet ta' muturi tat-tfittxija skont il-GDPR**

(parti 1)

Verżjoni 2.0

Adottata fis-7 ta' Lulju 2020

Storja tal-Verżjoni

Verżjoni 2.0	7 Lulju 2020	Addozzjoni tal-Linji Gwida wara konsultazzjoni pubblika
Verżjoni 1.1	17 Frar 2020	Korrezzjonijiet żgħar
Verżjoni 1.0	2 Diċembru 2019	Addozzjoni tal-Linji Gwida għal konsultazzjoni pubblika

Werrej

Introduzzjoni	4
1 Ir-raġunijiet tad-Dritt għal talba ta' tneħħija mil-lista skont il-GDPR.....	6
1.1 Raġuni 1: Id-Dritt għal talba ta' tneħħija mil-lista meta d- <i>data</i> personali m'għadhiex aktar meħtieġa fir-rigward tal-ipproċessar tal-fornitur tal-mutur ta' tfittxija (l-Artikolu 17.1.a)	7
1.2 Raġuni 2: Id-Dritt għal talba ta' tneħħija mil-lista meta s-suġġett ta' <i>data</i> jirtira l-kunsens fejn ir-raġuni legali għall-ipproċessar hija skont l-Artikolu 6.1.a jew l-Artikolu 9.2.a tal-GDPR u fejn ma hemm l-ebda raġuni legali oħra għall-ipproċessar (l-Artikolu 17.1.b)	8
1.3 Raġuni 3: Id-Dritt għal talba ta' tneħħija mil-lista meta s-suġġett tad- <i>data</i> eżerċita d-Dritt tiegħu għal oġġezzjoni għall-ipproċessar tad- <i>data</i> personali tiegħu jew tagħha (l-Artikolu 17.1.c)	8
1.4 Raġuni 4: Id-Dritt għal talba ta' tneħħija mil-lista meta d- <i>data</i> personali ġiet ipproċessata illegalment (l-Artikolu 17.1.d)	10
1.5 Raġuni 5: Id-Dritt għal talba ta' tneħħija mil-lista meta d- <i>data</i> personali ġiet imħassra għall-konformità ma' obbligu legali (l-Artikolu 17.1.e).....	10
1.6 Raġuni 6: Id-Dritt għal talba ta' tneħħija mil-lista meta d- <i>data</i> personali ġiet miġbura fir-rigward tal-offerta tas-servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni (ISS) għal minorenni (l-Artikolu 17.1.f).....	10
2. L-eċċezzjonijiet għad-Dritt li titlob tneħħija mil-lista skont l-Artikolu 17.3	11
2.1 L-ipproċessar huwa meħtieġ għall-eżerċizzju tad-dritt tal-libertà ta' espressjoni u informazzjoni	11
2.2 L-ipproċessar huwa meħtieġ għal konformità ma' obbligu legali li għalih ikun soġġett il-kontrollur jew għat-twettiq ta' kompitu mwettaq fl-interess pubbliku jew fl-eżerċizzju tal-awtorità uffiċjali mogħtija lill-kontrollur	13
2.2.1 Obbligu Legali	13
2.2.2 Prestazzjoni ta' kompitu mwettaq fl-interess pubbliku jew fl-eżerċizzju ta' awtorità uffiċjali.....	15
2.3 Raġunijiet ta' interess pubbliku fil-qasam tas-saħħa pubblika	15
2.4 Finijiet ta' arkivjar fl-interess pubbliku, finijiet ta' riċerka xjentifika jew storika jew finijiet ta' statistika skont l-Artikolu 89(1) sa fejn id-Dritt imsemmi fil-paragrafu 1 x'aktarx ikun ser jipprevjeni jew ixekkel serjament il-ksib tal-oġġettivi ta' dan l-ipproċessar	16
2.5 L-istabbiliment, l-eżerċizzju jew id-difiża ta' talbiet legali	16

Il-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data

Wara li kkunsidra l-Artikolu 70(1)(e) tar-Regolament 2016/679/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE, (aktar 'il quddiem "GDPR"),

Wara li kkunsidra l-Ftehim taż-ŻEE u b' mod partikolari l-Anness XI u l-Protokoll 37 tiegħu, kif emendat mid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 154/2018 tas-6 ta' Lulju 2018¹,

Wara li kkunsidra l-Artikolu 12 u l-Artikolu 22 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

ADOTTA L-LINJI GWIDA LI ĠEJJIN

INTRODUZZJONI

1. Wara s-sentenza ta' Costeja tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (aktar 'il quddiem "QĠUE") tat-13 ta' Mejju 2014², suġġett tad-*data* jista' jitlob lill-fornitur ta' muturi ta' tfittxija online (aktar 'il quddiem "**fornitur ta' mutur ta' tfittxija**")³, biex iħassar link waħda jew aktar għal paġni web mil-lista ta' riżultati li jtilgħu wara li ssir tfittxija abbażi tal-isem tiegħu.
2. Skont ir-Rapport tat-Trasparenza ta' Google⁴, il-perċentwal ta' URLs li Google ma neħħietx mil-lista ma żdiedx fl-aħħar 5 snin minn dik is-sentenza. Madankollu, minbarra s-sentenza tal-QĠUE, is-suġġetti tad-*data* jidhru li kienu aktar konxji tad-dritt tagħhom li jressqu lment għaċ-ċaħdjet tat-talbiet tagħhom biex jitneħħew mil-lista minn meta l-Awtoritajiet Superviżorji osservaw żieda fin-numru ta' lmenti fir-rigward tar-rifjut mill-fornituri tal-muturi ta' tfittxija biex ineħħu links mil-lista.
3. Il-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (aktar 'il quddiem "**EDPB**"), skont il-Pjan ta' Azzjoni tiegħu, qed jiżviluppa linji gwida fir-rigward tal-Artikolu 17 tar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data (aktar 'il quddiem "**GDPR**"). Sakemm dawn il-linji gwida jiġu finalizzati, l-Awtoritajiet Superviżorji għandhom ikomplu jimmaniġġjaw u jinvestigaw, sa fejn hu possibbli, l-ilmenti mis-suġġetti tad-*data* u fl-aħjar ħin possibbli.
4. Għaldaqstant, dan id-dokument għandu l-għan li jinterpreta d-Dritt li Wieħed Ikun Minsi fil-każijiet tal-muturi ta' tfittxija fid-dawl tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 17 tal-GDPR (aktar 'il quddiem id-"**Dritt li titlob tneħħija mil-lista**"). Fil-fatt, id-Dritt li Wieħed Ikun Minsi għadda b' mod partikolari skont l-Artikolu 17 tal-GDPR biex iqis id-Dritt li titlob tneħħija mil-lista stabbilit fis-sentenza ta' Costeja.
5. Madankollu, skont id-Direttiva 95/46/KE tal-24 ta' Ottubru 1995 (aktar 'il quddiem id-"**Direttiva**") u kif iddikjarat mill-QĠUE fis-sentenza tagħha ta' Costeja msemmija hawn fuq⁵, id-Dritt li titlob tneħħija mil-

¹ Ir-referenzi għall-"Istati Membri" li jsiru f' dawn il-linji gwida għandhom jinftiehemu bħala referenzi għall-"Istati Membri taż-ŻEE".

² QĠUE, il-Kawża C-131/12, Google Spain SL u Google Inc. vs Agencia Española de Protección de Datos (AEPD) u Mario Costeja González, is-sentenza tat-13 ta' Mejju 2014.

³ inklużi arkivji tal-internet bħal archive.org

⁴ <https://transparencyreport.google.com/eu-privacy/overview?hl=en>

⁵ QĠUE, il-Kawża C-131/12, is-sentenza tat-13 ta' Mejju 2014, il-paragrafu 88: "L-Artikolu 12(b) u l-punt (a) tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 14 tad-Direttiva 95/46 għandhom jiġu interpretati fis-sens li, sabiex jiġu rrispettati d-drittijiet previsti f' dawn id-dispożizzjonijiet, l-operatur ta' mutur ta' tfittxija huwa obligat ineħħi mil-lista ta' riżultati, li tintwera wara tfittxija

lista jimplika żewġ drittijiet (id-Dritt li tagħmel oġġezzjoni u d-Dritt għal tħassir tal-GDPR). Fil-fatt, l-applikazzjoni tal-Artikolu 21 hija b'mod espliċitu prevista bħala t-tielet raġuni għad-Dritt għal tħassir. Bħala riżultat, kemm l-Artikolu 17 kif ukoll l-Artikolu 21 tal-GDPR jistgħu jservu bħala raġuni legali għat-talbiet għal tneħħija mil-lista. Id-dritt li tagħmel oġġezzjoni u d-dritt għal tħassir kienu diġà ngħataw skont id-Direttiva. Madankollu, peress li se tiġi indirizzata, il-formulazzjoni tal-GDPR teħtieġ aġġustament tal-interpretazzjoni ta' dawn id-drittijiet.

6. Bħala punt preliminari, għandu jiġi nnutat li waqt li l-Artikolu 17 tal-GDPR huwa applikabbli għall-kontrolluri tad-*data* kollha, dan id-dokument jiffoka biss fuq l-ipproċessar minn fornituri ta' muturi ta' tfittxija u fuq talbiet għal tneħħija mil-lista sottomessi mis-suġġetti tad-*data*.
7. Hemm xi kunsiderazzjonijiet meta jiġi applikat l-Artikolu 17 tal-GDPR fir-rigward tal-ipproċessar tad-*data* tal-fornitur tal-mutur ta' tfittxija. F'dan ir-rigward, huwa meħtieġ li jiġi msemmi li l-ipproċessar tad-*data* personali mwettaq fil-kuntest tal-attività tal-fornitur tal-mutur ta' tfittxija għandu jkun distint mill-ipproċessar li jitwettaq mill-pubblikaturi tas-siti web ta' partijiet terzi bħal stabbilimenti tal-midja li jipprovdu kontenut tal-istampa online⁶.
8. Jekk suġġett tad-*data* jikseb it-tneħħija mil-lista ta' kontenut partikolari, dan se jwassal għat-tħassir ta' dak il-kontenut speċifiku mil-lista tar-riżultati tat-tfittxija fir-rigward tas-suġġett tad-*data* meta t-tfittxija, bħala regola prinċipali, hija bbażata fuq l-isem tiegħu. Madankollu, dan il-kontenut xorta se jibqa' disponibbli bl-użu ta' kriterji ta' tfittxija oħra.
9. It-talbiet għat-tneħħija mil-lista ma jirriżultawx f'*data* personali li tiġi mħassra kompletament. Fil-fatt, id-*data* personali lanqas mhi se titħassar mis-sit web tas-sors u lanqas mill-indiċi u l-cache tal-fornitur tal-mutur ta' tfittxija. Pereżempju, suġġett tad-*data* jista' jfittex it-tneħħija mil-lista tad-*data* personali mill-indiċi tal-mutur ta' tfittxija li oriġinat minn stabbiliment tal-midja, bħal artikolu minn gazzetta. Hawnhekk, il-link għad-*data* personali tista' tiġi mneħħija mil-lista tal-indiċi tal-mutur ta' tfittx; madankollu, l-artikolu inkwistjoni xorta se jibqa' fil-kontroll tal-istabbiliment tal-midja u jista' jibqa' disponibbli u aċċessibbli pubblikament, anki jekk ma jibqax jidher fir-riżultati tat-tfittxija abbażi ta' domandi li jinkludu, fil-prinċipju, l-isem tas-suġġett tad-*data*.
10. Madankollu, il-fornituri ta' muturi ta' tfittxija mhumie x eżentati b'mod ġenerali mill-obbligu li jħassru b'mod sħiħ. F'xi każijiet eċċezzjonali, għandhom bżonn iwettqu tħassir attwali u sħiħ fl-indiċi jew il-caches tagħhom. Pereżempju, fl-eventwalità li l-fornituri ta' muturi ta' tfittxija jieqfu jirrispettaw talbiet ta' robots.txt implimentati mill-pubblikatur oriġinali, fil-verità għandu jkollhom obbligu li jħassru b'mod sħiħ il-URL għall-kontenut, għall-kuntrarju ta' tneħħija mil-lista li prinċipalment hija bbażata fuq l-isem tas-suġġett tad-*data*.
11. Dan id-dokument huwa maqsum f'żewġ suġġetti. L-ewwel suġġett jikkonċerna r-raġunijiet li s-suġġett tad-*data* jista' jiddependi fuqhom għal talba ta' tneħħija mil-lista mibgħuta lil fornitur ta' mutur ta' tfittxija skont l-Artikolu 17.1 tal-GDPR. It-tieni suġġett jikkonċerna l-eċċezzjonijiet għad-Dritt li titlob tneħħija mil-lista skont l-Artikolu 17.3 tal-GDPR. Dan id-dokument se jiġi supplimentat minn appendiċi ddedikat għall-evalwazzjoni tal-kriterji għall-immaniġġjar tal-ilmenti għar-rifjuti ta' tneħħija mil-lista.

mwettaq fuq il-bażi tal-isem ta' persuna, il-konnessjonijiet lejn paġni tal-internet, ippubblikati minn terzi u li jinkludu informazzjoni dwar din il-persuna, anki fil-każ fejn dan l-isem jew din l-informazzjoni ma jkunux tneħħew preċedentement jew simultanament minn dawn il-paġni tal-internet, u dan, jekk ikun il-każ, anki meta l-pubblikazzjoni tagħhom fuq dawn il-paġni tkun, fiha nnifisha, leġittima".

⁶QĠUE, il-Kawża C 131/12, is-sentenza tat-13 ta' Mejju 2014, il-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem (ECHR), "M.L. u W.W. vs il-Ġermanja", it-28 ta' Ġunju 2018.

12. Dan id-dokument ma jindirizzax l-Artikolu 17.2⁷ tal-GDPR. Fil-fatt, dan l-Artikolu jeħtieġ li l-kontrolluri tad-*data* li għamli d-*data* personali pubblika jinfurmaw lill-kontrolluri li mbagħad kienu reġgħu użaw dik id-*data* personali permezz ta' links, kopji jew replikazzjonijiet. Dan l-obbligu ta' informazzjoni ma japplikax għall-fornituri ta' muturi ta' tfittxija meta dawn isibu informazzjoni li fiha *data* personali ppubblikata jew impoġġija fuq l-internet minn partijiet terzi, jelenkawha b'mod awtomatiku, jaħżnuha b'mod temporanju u jagħmluha disponibbli għall-utenti tal-internet skont ordni partikolari ta' preferenza⁸. Barra minn hekk, ma jeħtieġx li l-fornituri ta' muturi ta' tfittxija li rċewew talba mis-suġġett tad-*data* għal tneħħija mil-lista, jinfurmaw lill-parti terza li għamlet dik l-informazzjoni pubblika fuq l-internet. Dan l-obbligu jfittex li jagħti responsabbiltà akbar lill-kontrolluri oriġinali u jipprova jevita li l-inizjattivi tas-suġġetti tad-*data* jimmultiplikaw. F'dan ir-rigward, id-dikjarazzjoni tal-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29, li tgħid li l-fornituri ta' muturi ta' tfittxija "*bħala Prattika ġenerali m'għandhomx jinfurmaw lill-webmasters bil-paġni affettwati mit-tneħħija mil-lista dwar il-fatt li xi webpages ma jistgħux jintlaħqu mill-mutur ta' tfittxija bħala tweġiba għal domandi speċifiċi*" minħabba li "*din il-komunikazzjoni m'għandha l-ebda raġuni legali skont il-liġi Ewropea dwar il-protezzjoni tad-*data**"⁹ tibqa' valida. Huwa wkoll ippjanat li jkun hemm linji gwida speċifiċi separati fir-rigward tal-Artikolu 17.2 tal-GDPR.

1 IR-RAĠUNIJET TAD-DRITT GĦAL TALBA TA' TNEĦĦIJA MIL-LISTA SKONT IL-GDPR

13. Id-Dritt għal talba ta' tneħħija mil-lista kif previst mill-Artikolu 17 tal-GDPR ma jbidilx is-sejbiet tas-sentenza ta' Costeja, fejn il-QĠUE sostniet li talba għat-tneħħija mil-lista kienet ibbażata fuq id-Dritt għal rettifika/tħassir u fuq id-Dritt għal oġġezzjoni, skont l-Artikolu 12 u l-Artikolu 14 tad-Direttiva rispettivament.
14. L-Artikolu 17 jstabilixxi prinċipju ġenerali biex titħassar id-*data* fis-sitt każijiet li ġejjin:
- id-*data* personali ma tkunx għadha meħtieġa fir-rigward tal-għanijiet li għalihom tkun inġabret jew ġiet ipproċessata mod ieħor id-*data*; (l-Artikolu 17.1.a);
 - is-suġġett tad-*data* jirtira l-kunsens li fuqu huwa bbażat l-ipproċessar (l-Artikolu 17.1.b);
 - is-suġġett tad-*data* eżerċita d-Dritt tiegħu li joġġezzjona għall-ipproċessar tad-*data* personali tiegħu skont l-Artikolu 21.1 u 21.2 tal-GDPR;
 - id-*data* personali tkun ġiet ipproċessata illegalment (l-Artikolu 17.1.d);
 - it-tħassir huwa konformi mal-obbligu legali (l-Artikolu 17.1.e);
 - id-*data* personali tkun inġabret fir-rigward tal-offerta ta' servizzi tas-soċjetà tal-informatika għal minuri (l-Artikolu 17.1.f li jirreferi għall-Artikolu 8.1).

⁷Ir-Regolament 2016/679 (GDPR), l-Artikolu 17.2: "*Fejn il-kontrollur ikun ippubblika d-*data* personali u jiġi obligat skont il-paragrafu 1 li jħassar id-*data* personali, il-kontrollur, b'kont meħud tat-teknoloġija disponibbli u l-ispiża tal-implimentazzjoni, għandu jjeħu passi raġonevoli, inklużi miżuri tekniċi, biex jinforma lill-kontrolluri li jkun qegħdin jipproċessaw id-*data* personali, li s-suġġett tad-*data* talabhom iħassru kwalunkwe konnessjoni għal dik id-*data* personali, jew kopja jew replika tagħha.*"

⁸ Ara QĠUE, il-Kawża C-136/17, GC u Oħrajn vs CNIL, is-sentenza tal-24 ta' Settembru 2019, il-paragrafu 35 u l-Kawża C-131/12, is-sentenza tat-13 ta' Mejju 2014, il-paragrafu 41.

⁹Il-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29 dwar il-Protezzjoni tad-*Data*, "Linji gwida dwar l-implimentazzjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea dwar "Google Spain u Inc vs Agencia Española de Protección de Datos (AEPD) u Mario Costeja González" C-131/12, WP 225, 26 ta' Novembru 2014, p. 23.

15. Waqt li r-raġunijiet kollha tal-Artikolu 17 ikunu teoretikament applikabbli fir-rigward ta' tneħħija mil-lista, fil-prattika, xi wħud se jintużaw rarament jew qatt, bħal fil-każ ta' rtirar ta' kunsens (ara r-raġuni 2 hawn taħt).
16. Suġġett ta' *data* jista' madankollu jagħmel talba għal tneħħija mil-lista lil fornitur ta' mutur ta' tfittxija abbażi ta' aktar minn raġuni waħda. Pereżempju, suġġett ta' *data* jista' jitlob tneħħija mil-lista minħabba li hu jikkunsidra li l-ipproċessar tad-*data* personali tiegħu permezz ta' mutur ta' tfittxija m'għadux aktar meħtieġ (l-Artikolu 17.1.a) kif ukoll jeżerċita d-Dritt tiegħu li joġġezzjona għall-ipproċessar skont l-Artikolu 21.1 tal-GDPR (l-Artikolu 17.1.c).
17. Sabiex l-Awtoritajiet Superviżorji jevalwaw l-ilmenti fir-rigward ta' fornitur ta' mutur ta' tfittxija li rrifjuta li jħassar riżultat ta' tfittxija partikolari skont l-Artikolu 17 tal-GDPR, l-Awtoritajiet Superviżorji għandhom jistabbilixxu jekk il-kontenut li għalih qed tirreferi URL għandux jiġi mneħħi mil-lista jew le. Għaldaqstant, fl-analiżi tagħhom tas-sustanza tal-ilment, għandhom iqisu n-natura tal-kontenut li sar disponibbli mill-pubblikaturi tas-siti web ta' partijiet terzi.

1.1 Raġuni 1: Id-Dritt għal talba ta' tneħħija mil-lista meta d-*data* personali m'għadhiex aktar meħtieġa fir-rigward tal-ipproċessar tal-fornitur tal-mutur ta' tfittxija (l-Artikolu 17.1.a)

18. Skont l-Artikolu 17.1.a tal-GDPR, suġġett tad-*data* jista' jitlob lil fornitur ta' mutur ta' tfittxija, wara tfittxija li tkun twettqet bħala regola ġenerali abbażi tal-isem tiegħu, biex ineħħi mil-lista kontenut mir-riżultati tat-tfittxija tiegħu, fejn id-*data* personali tas-suġġett tad-*data* li telgħet f'dawk ir-riżultati tat-tfittxija m'għadhiex aktar meħtieġa fir-rigward tal-għanijiet għall-ipproċessar mill-mutur ta' tfittxija.
19. Din id-dispożizzjoni tippermetti lil suġġett ta' *data* jitlob tneħħija mil-lista tal-informazzjoni personali li tikkonċernah u li kienet aċċessibbli għal aktar żmien milli kien meħtieġ għall-ipproċessar mill-fornitur tal-mutur ta' tfittxija. Madankollu, dan l-ipproċessar jitwettaq partikolarment għall-finijiet li l-informazzjoni ssir aktar aċċessibbli għall-utenti tal-internet. Fil-kuntest tad-Dritt għal talba ta' tneħħija mil-lista, għandu jsir bilanċ bejn il-protezzjoni tal-privatezza u l-interessi tal-utenti tal-internet fl-aċċessar tal-informazzjoni. B'mod partikolari, għandu jiġi evalwat jekk, matul iż-żmien, id-*data* personali skadietx jew jekk ġietx aġġornata.
20. Pereżempju, suġġett ta' *data* jista' jeżerċita d-Dritt tiegħu li jitlob tneħħija mil-lista skont l-Artikolu 17.1.a meta:
 - l-informazzjoni dwaru/dwarha miżmuma minn kumpanija tneħħiet mir-reġistru pubbliku;
 - link għal sit web ta' kumpanija fiha d-dettalji ta' kuntatt tiegħu/tagħha għalkemm m'għadux jaħdem/m'għadhiex taħdem ma' dik il-kumpanija;
 - l-informazzjoni trid tiġi ppubblikata fuq l-Internet għal numru ta' snin sabiex tkun konformi ma' obbligu legali u baqgħet online għal aktar żmien mil-limitu ta' żmien speċifikat mil-leġiżlazzjoni.
21. Kif juru l-eżempji, suġġett ta' *data* jista' b'mod partikolari jitlob tneħħija mil-lista ta' kontenut fejn l-informazzjoni personali, evidentement hija ineżatta minħabba l-mogħdija taż-żmien, jew hija skaduta. Din l-evalwazzjoni inċidentalment se tiddependi fuq il-finijiet tal-ipproċessar oriġinali. Għaldaqstant, il-perijodi ta' żamma ta' *data* personali oriġinali, meta disponibbli, għandhom jitqiesu wkoll mill-Awtoritajiet Superviżorji meta dawn jagħmlu l-analiżi tagħhom ta' talbiet ta' tneħħija mil-lista skont l-Artikolu 17.1.a tal-GDPR.

1.2 Raġuni 2: Id-Dritt għal talba ta' tneħħija mil-lista meta s-suġġett ta' *data* jirtira l-kunsens fejn ir-raġuni legali għall-ipproċessar hija skont l-Artikolu 6.1.a jew l-Artikolu 9.2.a tal-GDPR u fejn ma hemm l-ebda raġuni legali oħra għall-ipproċessar (l-Artikolu 17.1.b)

22. Skont l-Artikolu 17.1.b tal-GDPR, suġġett ta' *data* jista' jikseb it-tħassir ta' *data* personali li tikkonċernah meta jiġi rtirat l-kunsens għall-ipproċessar.
23. Fil-każ ta' tneħħija mil-lista, dan ikun ifisser li l-fornitur ta' mutur ta' tfittxija jkun uża l-kunsens tas-suġġett ta' *data* bħal bażi legali għall-ipproċessar tiegħu. L-Artikolu 17.1 tal-GDPR fil-fatt iqajjem il-mistoqsija tal-bażi legali għall-ipproċessar invokata minn fornitur ta' mutur ta' tfittxija għall-iskop li jirritorna r-riżultati tal-mutur ta' tfittxija inkluż id-*data* personali.
24. Għal dik ir-raġuni, jidher li huwa improbabbli li talba ta' tneħħija mil-lista tiġi sottomessa minn suġġett ta' *data* fuq il-bażi li huwa jixtieq jirtira l-kunsens minħabba li l-kontrollur li lilu ngħatalu l-kunsens mis-suġġett ta' *data* huwa l-pubblikatur tal-internet mhux l-operatur tal-mutur ta' tfittxija li jelenka d-*data*. Din l-interpretazzjoni ġiet approvata mill-QĠUE fis-sentenza tagħha C-136-17 tal-24 ta' Settembru 2019 (is-**"sentenza ta' Google 2"**).¹⁰ Il-Qorti tindika li "(...) il-kunsens għandu jkun "speċifiku" u, għalhekk, jirrigwarda spesifikament l-ipproċessar imwettaq fil-kuntest tal-attività tal-mutur ta' tfittxija (...). Fil-prattika, huwa diffiċli li jiġi previst (...) li l-operatur ta' mutur ta' tfittxija għandu jitlob il-kunsens espliċitu tal-persuni kkonċernati qabel ma jipproċedi, għall-ħtiġijiet tal-attività tiegħu ta' referenzer, bl-ipproċessar tad-*data* personali li tikkonċernahom. Fi kwalunkwe każ, (...) il-fatt innifsu li persuna tagħmel talba għat-tneħħija ta' referenza juri, bħala prinċipju, li, tal-inqas fid-*data* ta' din it-talba, hija ma tkunx għadha tagħti l-kunsens tagħha għall-ipproċessar imwettaq mill-operatur tal-mutur ta' tfittxija."
25. Madankollu, fl-eventwalità fejn is-suġġett tad-*data* jkun irtira l-kunsens tiegħu għall-użu tad-*data* tiegħu fuq paġni tal-internet partikolari, il-pubblikatur oriġinali ta' din il-paġna tal-internet għandu jinforma lill-fornituri tal-muturi tat-tfittxija li elenkaw dik id-*data* skont l-Artikolu 17.2 tal-GDPR. Għaldaqstant, f'dan il-każ, is-suġġett tad-*data* xorta jibqa' intitolat li jikseb tneħħija mil-lista tad-*data* personali li tikkonċernah skont l-Artikolu 17.1.c.

1.3 Raġuni 3: Id-Dritt għal talba ta' tneħħija mil-lista meta s-suġġett tad-*data* eżerċita d-Dritt tiegħu għal oġġezzjoni għall-ipproċessar tad-*data* personali tiegħu jew tagħha (l-Artikolu 17.1.c)

26. Skont l-Artikolu 17.1.c tal-GDPR, suġġett tad-*data* jista' jikseb mill-fornitur tal-muturi ta' tfittxija t-tħassir tad-*data* personali li tikkonċernah fejn huwa joġġezzjona għall-ipproċessar skont l-Artikolu 21.1 tal-GDPR u fejn ma jkun hemm l-ebda raġuni leġittima prevalenti għall-ipproċessar mill-kontrollur tad-*data*.
27. Id-Dritt għal oġġezzjoni jagħti lis-suġġetti tad-*data* salvagwardji aktar b'saħħithom minħabba li ma jirrestrinġix ir-raġunijiet skont liema suġġetti tad-*data* jitlob tneħħija mil-lista skont l-Artikolu 17.1 tal-GDPR.
28. Id-Dritt għal oġġezzjoni għall-ipproċessar ġie stipulat mill-Artikolu 14 tad-Direttiva¹¹ u kkostitwixxa raġuni li tintalab tneħħija mil-lista mis-sentenza ta' Costeja. Madankollu, id-differenzi fil-formulazzjoni

¹⁰ QĠUE, il-Kawża C-136/17, Commission nationale de l'informatique et des libertés (CNIL) vs. Google LLC, is-sentenza tal-24 ta' Settembru 2019.

¹¹Id- Direttiva 95/46/KE (GDPR), l-Artikolu 14: "Stati Membri għandhom jagħtu lis-suġġett tad-*data* d-dritt: (a) li, bla ħsara għal dak provdut fil-liġijiet nazzjonali, mill-inqas fil-każi msemmija fl-Artikolu 7(e) u (f), jagħmel oġġezzjoni f'kull żmien

tal-Artikolu 21 tal-GDPR u l-Artikolu 14 tad-Direttiva jissuġġerixxu li jista' jkun hemm ukoll differenzi fl-applikazzjoni tagħhom.

29. Skont id-Direttiva, is-suġġett tad-*data* kellu jibbaża t-talba tiegħu fuq "*raġunijiet gravi u leġittimi dwar is-sitwazzjoni partikolari tiegħu*". Fir-rigward tal-GDPR, suġġett tad-*data* jista' joġġezzjona għal proċessar "*għal raġunijiet dwar is-sitwazzjoni partikolari tiegħu*". Għaldaqstant m'għandux għalfejn juri aktar "*raġunijiet gravi u leġittimi*".
30. Il-GDPR għaldaqstant jibdel l-oneru tal-provi, jipprovdi preżunzjoni favur is-suġġett tad-*data* billi jobbliga għall-kuntrarju lill-kontrollur biex juri "*raġunijiet gravi u leġittimi dwar is-sitwazzjoni partikolari tiegħu*". (l-Artikolu 21.1). Bħala riżultat, meta fornitur ta' mutur ta' tfittxija jirċievi talba għal tneħħija mil-lista abbażi ta' sitwazzjoni partikolari tas-suġġett tad-*data*, issa għandu jħassar id-*data* personali, skont l-Artikolu 17.1.c tal-GDPR, sakemm dan jista' juri "*raġuni leġittima prevalenti*" għall-elenkar tar-riżultat tat-tfittxija speċifiku, li meta tinqara flimkien mal-Artikolu 21.1 huma "*raġunijiet gravi u leġittimi (...) li jegħlbu l-interessi, id-drittijiet u l-libertajiet tas-suġġett tad-*data**". Il-fornitur tal-mutur tat-tfittxija jista' jistabbilixxi kwalunkwe "*raġunijiet leġittimi prevalenti*", inkluż kwalunkwe eżenzjoni stipulata skont l-Artikolu 17.3 tal-GDPR. Madankollu, jekk il-fornitur ta' mutur ta' tfittxija jonqos milli jagħti evidenza ta' raġunijiet leġittimi prevalenti, is-suġġett tad-*data* huwa intitolat li jikseb tneħħija mil-lista skont l-Artikolu 17.1.c tal-GDPR. Fil-fatt, it-talbiet għal tneħħija mil-lista issa jimplikaw l-ibbilanċjar bejn ir-raġunijiet relatati mas-sitwazzjoni partikolari tas-suġġett tad-*data* u r-raġunijiet gravi u leġittimi tal-fornitur tal-mutur ta' tfittix. Il-bilanċ bejn il-protezzjoni tal-privatezza u l-interessi tal-utenti tal-internet biex jaċċessaw l-informazzjoni kif irregolat mill-QĠUE fis-sentenza ta' Costeja jista' jkun rilevanti biex titwettag din l-evalwazzjoni kif ukoll il-bilanċ operat mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (ECHR) fi kwistjoniet tal-istampa.
31. Għaldaqstant, il-kriterji għal tneħħija mil-lista żviluppata mill-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29 fil-linji gwida dwar l-implimentazzjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea dwar "Google Spain and Inc v. Agencia Española de Protección de Datos (AEPD) and Mario Costeja González" C-131/12 għadhom jistgħu jintużaw mill-fornituri ta' muturi ta' tfittxija u mill-Awtoritajiet Superviżorji biex jevalwaw talba ta' tneħħija mil-lista abbażi tad-Dritt għal oġġezzjoni (l-Artikolu 17.1.c tal-GDPR).
32. F'dan ir-rigward, "*is-sitwazzjoni partikolari*" tas-suġġett tad-*data* se tkun il-bażi għat-talba ta' tneħħija mil-lista (pereżempju, riżultat ta' tfittxija joħloq detriment għal suġġett tad-*data* meta japplika għal xogħol, jew ifixkel ir-reputazzjoni tiegħu fil-ħajja personali) u se titqies meta jitwettag il-bilanċ bejn id-drittijiet personali u d-dritt għall-informazzjoni, flimkien mal-kriterji klassiċi għall-immaniġġjar ta' talbiet għal tneħħija mil-lista, bħal:
 - m'għandux irwol fil-ħajja pubblika;
 - l-informazzjoni involuta mhijiex relatata mal-ħajja professjonali tiegħu iżda taffettwa l-privatezza tiegħu;
 - l-informazzjoni fiha diskors ta' mibegħda, malafama, libell jew reati simili fil-konfront tiegħu skont ordni tal-qorti;
 - id-*data* tidher li hija fatt verifikat iżda ma tkunx korretta fil-fatti;
 - id-*data* tirrigwarda reat kriminali relattivament minuri li seħħ ħafna żmien ilu u li qed jikkawża preġudizzju lis-suġġett tad-*data*.
33. Madankollu, dawn il-kriterji m'għandhomx għalfejn jiġu eżaminati fin-nuqqas ta' evidenza ta' raġunijiet gravi u leġittimi biex tiġi rifjutata t-talba.

*kontra l-ipproċessar ta' data dwaru għal raġunijiet gravi u leġittimi dwar is-sitwazzjoni partikolari tiegħu. Meta jkun hemm oġġezzjoni ġustifikata, l-ipproċessar mibdi mill-kontrollur jista' ma jibqax juża dak id-*data**"

1.4 Raġuni 4: Id-Dritt għal talba ta' tneħħija mil-lista meta d-*data* personali ġiet ipproċessata illegalment (l-Artikolu 17.1.d)

34. Skont l-Artikolu 17.1.d tal-GDPR, suġġett ta' *data* jista' jitlob it-tħassir ta' *data* personali li tikkonċernah fil-mument fejn huma ġew ipproċessati illegalment.
35. Il-kunċett ta' pproċessar illegali għandu l-ewwel jiġi interpretat skont l-Artikolu 6 tal-GDPR iddedikat għall-ipproċessar illegali. Prinċipji oħra stabbiliti skont il-GDPR (bħall-prinċipji tal-Artikolu 5 tal-GDPR jew ta' dispożizzjonijiet oħra tal-Kapitolu II) jistgħu jaqdu din l-interpretazzjoni.
36. It-tieni nett, dan il-kunċett għandu jiġi interpretat b'mod wiesa' bħala l-ksur ta' dispożizzjoni legali aktar milli tal-GDPR. Din l-interpretazzjoni għandha titwettaq oġġettivament mill-Awtoritajiet Superviżorji, skont il-liġijiet nazzjonali jew deċiżjoni tal-qorti. Pereżempju, talba għal tneħħija mil-lista tista' tingħata fl-eventwalità fejn l-elenkar ta' informazzjoni personali ġiet ipprojbata b'mod espliċitu b'ordni tal-qorti. F'każijiet fejn fornitur ta' mutur ta' tfittxija ma jistax juri raġuni legali għall-ipproċessar tagħha, talba għal tneħħija mil-lista tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 17.1.d tal-GDPR, minħabba li l-ipproċessar ta' *data* personali f'dawn il-każijiet għandu jiġi kkunsidrat bħala illegali. Madankollu, għandu jiġi mfakkar li f'każ ta' illegalità tal-ipproċessar oriġinali, is-suġġett ta' *data* jibqa' intitolat għal talba għal tneħħija mil-lista skont l-Artikolu 17.1.c tal-GDPR.

1.5 Raġuni 5: Id-Dritt għal talba ta' tneħħija mil-lista meta d-*data* personali ġiet imħassra għall-konformità ma' obbligu legali (l-Artikolu 17.1.e)

37. Skont l-Artikolu 17.1.e tal-GDPR, suġġett tad-*data* jista' jitlob lil fornitur ta' mutur ta' tfittxija biex ineħħi mil-lista waħda jew aktar mir-riżultati ta' tfittxija jekk id-*data* personali għandha bżonn titħassar f'konformità ma' obbligu legali fil-Liġi tal-Unjoni jew ta' Stat Membru li għalih huwa soġġett il-fornitur tal-mutur ta' tfittxija.
38. Konformità ma' obbligu legali tista' tirriżulta minn mandat ta' inibizzjoni, minn talba espliċita minn liġi nazzjonali jew tal-UE li taqa' taħt "obbligu legali għal tħassir" jew sempliċi ksur mill-fornitur tal-mutur ta' tfittxija tal-perijodu ta' żamma. Għal finijiet illustrattivi, il-perijodu ta' żamma tad-*data* huwa stabbilit minn test iżda ma jkunx konformi miegħu (iżda din l-ipoteżi tikkonċerna prinċipalment il-fajls pubbliċi). Dan il-każ jista' forsi jinkludi l-ipoteżi ta' *data* mhux anonimizzata jew *data* li tidentifika disponibbli fid-*data* miftuħa.

1.6 Raġuni 6: Id-Dritt għal talba ta' tneħħija mil-lista meta d-*data* personali ġiet miġbura fir-rigward tal-offerta tas-servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni (ISS) għal minorenni (l-Artikolu 17.1.f)

39. Skont l-Artikolu 17.1.f tal-GDPR, suġġett tad-*data* jista' jitlob lil fornitur ta' mutur ta' tfittxija biex ineħħi mil-lista riżultat wieħed jew aktar jekk id-*data* personali nġabret fir-rigward tal-offerta tal-ISS għal minorenni kif imsemmi fl-Artikolu 8.1 tal-GDPR.
40. L-Artikolu jkopri l-forniment dirett tal-ISS u tal-ebda tip ta' pproċessar ieħor. Il-GDPR ma jiddefinix l-ISS; anzi, jirreferi għal definizzjonijiet eżistenti fil-liġi tal-UE¹². Hemm xi diffikultajiet fl-interpretazzjoni minħabba li l-Premessa 18 tad-Direttiva 2000/31/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2000 tipprovdi definizzjoni wiesgħa u ambigwa tal-kunċett tal-"*forniment dirett ta' servizz*

¹²Speċifikament, l-Artikolu 1(1)(b) tad-Direttiva (UE) 2015/1535 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Settembru 2015 li tistabbilixxi proċedura għall-għoti ta' informazzjoni fil-qasam tar-regolamenti tekniċi u tar-regoli dwar is-servizzi tas-Soċjetà tal-Informatika (kodifikazzjoni).

minn soċjetà tal-informazzjoni". Prinċipalment din tindika li dawn is-servizzi "jifirxu fuq medda aktar kbira ta' attivitajiet ekonomiċi li jseħħu on-line", iżda tispeċifika li mhumiex ristretti għal "servizzi li jagħtu bidu għal kuntatti online imma wkoll, **sakemm dawn jirrappreżentaw attività ekonomika, jestendu għal servizzi li mhumiex imħallsa minn dawk li jirċevuhom, bħalma huma l-offerta ta' informazzjoni online jew komunikazzjonijiet kummerċjali, jew dawk li jipprovdu għodod li jippermettu riċerka, aċċess u akkwist ta' dettalji**; li jiddeskrivu l-kriterji ta' attività ekonomika.

41. Minn hawn fuq jirriżulta li l-attivitajiet tal-fornitur ta' mutur ta' tfittxija x'aktarx jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' forniment dirett tal-ISS. Madankollu, il-fornituri ta' muturi ta' tfittxija ma qajmux dubji dwar jekk id-*data* personali li qed jelenkaw tikkonċernax minuri jew le. Madankollu, skont ir-responsabbiltajiet speċifiċi tagħhom u soġġetti għall-Artikolu 17.3 tal-GDPR, huma għandhom ineħħu mil-lista kontenut relatat ma' minuri, skont tal-Artikolu 17.1.c tal-GDPR u jirrikonoxxu li li tkun minuri huwa "raġuni relatata ma' sitwazzjoni partikolari" (Artikolu 21 tal-GDPR) u li "it-tfal għandhom dritt għal protezzjoni speċifika fir-rigward tad-*data* personali tagħhom" Premessa 38 tal-GDPR. F'dan il-każ, għandu jiġi kkunsidrat il-kuntest tal-ġbir ta' *data* personali mill-kontrollur oriġinali. B'mod partikolari, għandha titqies id-*data* tal-bidu tal-ipproċessar mis-sit web oriġinali meta suġġett tad-*data* jitlob tneħħija mil-lista ta' kontenut.

2. L-EĊĊEZZJONIJIET GĦAD-DRITT LI TITLOB TNEĦĦIJA MIL-LISTA SKONT L-ARTIKOLU 17.3

42. L-Artikolu 17.3 tal-GDPR jiddikjara li l-paragrafi 1 u 2 tal-Artikolu 17 tal-GDPR ma japplikawx meta l-ipproċessar huwa meħtieġ:
- għall-eżerċizzju tad-dritt tal-libertà ta' espressjoni u informazzjoni (*l-Artikolu 17.3.a*);
 - għal konformità ma' obbligu legali li jeħtieġ ipproċessar skont il-liġi tal-Unjoni jew ta' Stat Membru li għaliha jkun soġġett il-kontrollur jew għat-twettiq ta' kompitu mwettaq fl-interess pubbliku jew fl-eżerċizzju tal-awtorità uffiċjali mogħtija lill-kontrollur (*l-Artikolu 17.3.b*);
 - għal raġunijiet ta' interess pubbliku fil-qasam tas-saħħa pubblika f'konformità mal-punti (h) u (i) tal-Artikolu 9(2) kif ukoll mal-Artikolu 9(3) (*l-Artikolu 17.3.c*);
 - għal finijiet ta' arkivjar fl-interess pubbliku, għal finijiet ta' riċerka xjentifika jew storika, jew għal finijiet ta' statistika skont l-Artikolu 89(1) sa fejn id-dritt imsemmi fil-paragrafu 1 x'aktarx ikun ser jipprevjeni jew ixekkel serjament il-ksib tal-oġġettivi ta' dak l-ipproċessar; (*l-Artikolu 17.3.d*); jew
 - għall-istabbiliment, l-eżerċizzju jew id-difiża ta' talbiet legali (*l-Artikolu 17.3.e*).
43. Din il-parti għandha l-għan li turi li l-maġġoranza tal-eċċezzjonijiet skont l-Artikolu 17.3 tal-GDPR ma jidhrux xierqa fil-każ ta' talba għal tneħħija mil-lista. Din l-inadegwatezza hija favur l-applikazzjoni tal-Artikolu 21 tal-GDPR għal talbiet għal tneħħija mil-lista. Fi kwalunkwe każ, għandu jiġi mfakkar li l-eċċezzjonijiet stipulati skont l-Artikolu 17.3 tal-GDPR jistgħu jiġu invokati bħala raġunijiet gravi u leġittimi skont l-Artikolu 17.1.c tal-GDPR.

2.1 L-ipproċessar huwa meħtieġ għall-eżerċizzju tad-dritt tal-libertà ta' espressjoni u informazzjoni

44. Din l-eżenzjoni għall-applikazzjoni tal-Artikolu 17.1 tal-GDPR għandha tiġi interpretata u applikata fil-kuntest tal-karatteristiċi li jiddefinixxu t-tħassir. L-Artikolu 17.1 tal-GDPR huwa deskritt bħala mandat ċar u mingħajr kundizzjonijiet indirizzati lill-kontrolluri. Jekk il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 17.1 tal-GDPR jintlaħqu, il-kontrollur *“għandu l-obbligu li jħassar data personali mingħajr dewmien żejjed”*. Madankollu, dan mhux dritt assolut. L-eżenzjonijiet tal-Artikolu 17.3 tal-GDPR jidentifikaw każijiet fejn dan l-obbligu ma japplikax.
45. Madankollu, il-bilanċ bejn il-protezzjoni tad-drittijiet ta’ partijiet interessati u l-libertà ta’ espressjoni, inkluż l-aċċess b’xejn għal informazzjoni, huma parti intrinsika tal-Artikolu 17 tal-GDPR.
46. Fis-sentenza ta’ Costeja, il-QĠUE rrikonoxxiet, u reċentement irrepriet fis-sentenza ta’ Google 2, li l-ipproċessar imwettaq minn fornitur ta’ muturi ta’ tfittxija jista’ jaffettwa b’mod sinifikanti d-drittijiet fundamentali għall-privatezza u l-liġi dwar il-protezzjoni tad-*data* meta t-tfittxija titwettaq bl-użu tal-isem tas-suġġett tad-*data*.
47. Meta jiġu kkunsidrati d-drittijiet u l-libertajiet tas-suġġetti tad-*data* u l-interessi tal-utenti tal-internet fl-aċċess għall-informazzjoni permezz tal-fornitur ta’ mutur ta’ tfittxija, il-Qorti fehmet li *“Għalkemm huwa minnu li d-drittijiet tas-suġġett tad-*data* protetti minn dawn l-artikoli jipprevalu wkoll, b’mod ġenerali, fuq l-imsemmi interess tal-utenti tal-internet, dan il-bilanċ jista’ madankollu jiddependi, f’każijiet partikolari, min-natura tal-informazzjoni inkwistjoni u min-natura sensittiva tagħha għall-ħajja privata tas-suġġett tad-*data*, kif ukoll mill-interess tal-pubbliku li jkollu din l-informazzjoni, li jista’ jvarja b’mod partikolari skont ir-rwol li għandu dan is-suġġett tad-*data* fil-ħajja pubblika.”*¹³
48. Il-Qorti kkunsidrat ukoll li d-drittijiet tas-suġġetti tad-*data* jipprevalu, b’mod ġenerali¹⁴, fuq l-interess tal-utenti tal-internet fl-aċċess għall-informazzjoni permezz tal-fornitur ta’ mutur ta’ tfittxija. Madankollu, hija identifikat diversi fatturi li jistgħu jinfluwenzaw din id-determinazzjoni. Fost dawn hemm: in-natura tal-informazzjoni jew is-sensittività tagħha, u b’mod partikolari l-interess tal-utenti tal-internet fl-aċċess għall-informazzjoni, interess li jista’ jvarja skont l-irwol tal-parti interessata fil-ħajja pubblika.
49. L-analiżi ta’ tneħħija mil-lista mill-Qorti timplika li, meta tevalwa t-talbiet għal tneħħija mil-lista, id-deċiżjoni dwar il-manutenzjoni jew l-imblukkar tar-riżultati ta’ tfittxija minn fornitur ta’ mutur ta’ tfittxija għandha neċessarjament tikkunsidra l-impatt li jista’ jkollha deċiżjoni ta’ tneħħija mil-lista fuq l-aċċess għal informazzjoni minn utenti tal-internet¹⁵. Dan l-impatt ma jinvolvi neċessarjament ir-rifjut ta’ talba għal tneħħija mil-lista. Kif ikkonfermat mill-Qorti, din l-interferenza mad-drittijiet fundamentali tas-suġġett tad-*data* għandha tiġi ġġustifikata mill-interess superjuri tal-pubbliku ġenerali li jkollu aċċess għall-informazzjoni inkwistjoni.
50. Il-Qorti tiddistingwi wkoll bejn il-leġittimità li pubblikatur tal-internet jista’ jkollu biex ixerred informazzjoni li tmur kontra l-leġittimità tal-fornitur ta’ mutur ta’ tfittxija. Il-Qorti rrikonoxxiet li l-attività ta’ pubblikatur tal-internet tista’ ssir b’mod esklussiv għall-finijiet ta’ ġurnaliżmu, f’liema każ il-pubblikatur tal-internet jibbenefika mill-eżenzjonijiet li jistgħu jistabbilixxu l-Istati Membri f’dawn il-każijiet abbażi tal-Artikolu 9 tad-Direttiva (attwalment, l-Artikolu 85.2 tal-GDPR). F’dan ir-rigward, fis-sentenza *“M.L. and W.W. vs Germany”* tat-28 ta’ Ġunju 2018, l-ECHR tindika li l-ibbilanċjar tal-interessi inkwistjoni jista’ jwassal għal riżultati differenti li jiddependu fuq it-talba involuta (li tiddistingwi (i) talba għal tħassir magħmula kontra l-pubblikatur oriġinali li l-attività tiegħu hija l-qofol ta’ dak li l-

¹³QĠUE, C-131/12, is-sentenza tat-13 ta’ Mejju 2014, il-paragrafu 81, QĠUE, C-136/17, is-sentenza tal-24 ta’ Settembru 2019, il-paragrafu 66.

¹⁴QĠUE, il-Kawża C-131/12, is-sentenza tat-13 ta’ Mejju 2014, il-paragrafu 99, QĠUE, il-Kawża C-136/17, is-sentenza tal-24 ta’ Settembru 2019, il-paragrafu 53.

¹⁵ QĠUE, il-Kawża C-136/17, is-sentenza tal-24 ta’ Settembru 2019, il-paragrafu 56 et seq.

libertà tal-espressjoni għandha l-għan li tipproteġi minnu (ii) talba magħmula kontra l-mutur ta' tfittxija li l-ewwel interess tiegħu mhuwiex li jippubblika l-informazzjoni oriġinali dwar is-suġġett tad-*data* iżda li b'mod partikolari jippermetti l-identifikazzjoni ta' kwalunkwe informazzjoni disponibbli dwar din il-persuna u għaldaqstant tistabbilixxi l-profil tiegħu jew tagħha).

51. Dawn il-kunsiderazzjonijiet għandhom jiġu evalwati fir-rigward tal-ilmenti tal-Artikolu 17 tal-GDPR minħabba li, f'dawn id-deċiżjonijiet, id-drittijiet tas-suġġetti tad-*data* li talbu tneħħija mil-lista għandhom jitqiesu flimkien mal-interessi tal-utenti tal-internet għall-aċċess tal-informazzjoni.
52. Kif spjegat mill-QĠUE fis-sentenza tagħha ta' Google 2, l-Artikolu 17.3.a tal-GDPR *"jesprimi l-fatt li d-dritt għall-protezzjoni tad-*data* personali mhuwiex dritt assolut, iżda (...) jitqies fir-rigward tar-rwol tiegħu fis-soċjetà u jiġi bbilanċjat ma' drittijiet fundamentali oħra, konformement mal-prinċipju ta' proporzjonalità"*.¹⁶ *"[J]istabbilixxi wkoll b'mod espliċitu r-rekwiżit ta' bbilanċjar bejn, min-naħa, id-drittijiet fundamentali għar-rispett tal-ħajja privata u għall-protezzjoni tad-*data* personali, stabbiliti fl-Artikoli 7 u 8 tal-Karta, u, min-naħa l-oħra, id-dritt fundamentali għal-libertà tal-informazzjoni, żgurat mill-Artikolu 11 tal-Karta."*¹⁷
53. Il-Qorti tikkonkludi li *"meta l-operatur ta' mutur ta' tfittxija jirċievi talba għat-tneħħija tar-referenza ta' link lejn paġna tal-internet li fuqha tkun ġiet ippubblikata *data* personali li taqa' taħt kategoriji partikolari (...) l-operatur għandu, abbażi tal-elementi rilevanti kollha tal-każ u fid-dawl tas-serjetà tal-interferenza fid-drittijiet fundamentali tal-persuna kkonċernata għar-rispett tal-ħajja privata u għall-protezzjoni tad-*data* personali, stabbiliti fl-Artikoli 7 u 8 tal-Karta jivverifika, abbażi ta' raġunijiet ta' interess pubbliku (...) jekk l-inklużjoni ta' dan il-link fil-lista ta' riżultati, li tintwera wara tfittxija mwettqa abbażi ta' isem din il-persuna, hijiex strettament neċessarja sabiex tiġi protetta l-libertà tal-informazzjoni tal-utenti tal-internet li jista' jkollhom interess li jaċċedu għal din il-paġna tal-internet permezz ta' tali tfittxija, stabbilita fl-Artikolu 11 tal-Karta."*¹⁸
54. Biex tikkonkludi, skont iċ-ċirkostanzi tal-każ, il-fornituri ta' muturi ta' tfittxija jistgħu jirrifjutaw it-tneħħija mil-lista ta' kontenut fil-każ fejn huma jistgħu juru li l-inklużjoni tiegħu fil-lista ta' riżultati hija strettament meħtieġa sabiex tiġi protetta l-libertà tal-informazzjoni tal-utenti tal-internet.

2.2 L-ipproċessar huwa meħtieġ għal konformità ma' obbligu legali li għalih ikun soġġett il-kontrollur jew għat-twettiq ta' kompitu mwettaq fl-interess pubbliku jew fl-eżerċizzju tal-awtorità uffiċjali mogħtija lill-kontrollur

55. Il-kontenut ta' din l-eżenzjoni jagħmilha diffiċli li tiġi applikata għall-attività tal-fornituri ta' muturi ta' tfittxija u jista' jkollu influwenza fuq id-deċiżjonijiet ta' tneħħija mil-lista ta' ċertu riżultati, minħabba li l-ipproċessar tad-*data* minn fornituri ta' muturi ta' tfittxija huwa bbażat, fil-prinċipju, fuq l-interess leġittimu tal-fornitur tal-mutur ta' tfittxija.

2.2.1 Obbligu Legali

56. Huwa diffiċli li wieħed jimmaġina l-eżistenza ta' dispożizzjonijiet legali li jobbligaw lill-fornituri ta' muturi ta' tfittxija jxerrdu ċertu informazzjoni. Din hija konsegwenza tat-tip ta' attività li jiżviluppaw. Il-fornituri ta' muturi ta' tfittxija la jipproduċu u lanqas jippreżentaw informazzjoni.

¹⁶ QĠUE, il-Kawża C-136/17, is-sentenza tal-24 ta' Settembru 2019, il-paragrafu 57.

¹⁷ QĠUE, il-Kawża C-136/17, is-sentenza tal-24 ta' Settembru 2019, il-paragrafu 59.

¹⁸ QĠUE, il-Kawża C-136/17, is-sentenza tal-24 ta' Settembru 2019, il-paragrafu 69.

57. Għaldaqstant, jidher improbabbli li liġi ta' Stat Membru tinkludi obbligi għall-fornituri ta' muturi ta' tfittxija biex jippubblikaw xi tip ta' informazzjoni milli jispeċifikaw l-obbligu għal dik il-pubblikazzjoni biex issir f'paġni tal-internet oħra li mbagħad joħolqu links għaliha l-fornituri tal-muturi ta' tfittxija.
58. Din l-evalwazzjoni tista' tiġi estiża wkoll għall-possibilità li l-liġi tal-Unjoni jew ta' Stat Membru tippermetti li awtorità pubblika tiegħu deċiżjonijiet li jobbligaw lill-fornituri ta' muturi ta' tfittxija jippubblikaw informazzjoni direttament u mhux permezz ta' links tal-URL għall-paġna tal-internet fejn hemm dik l-informazzjoni.
59. Jekk hemm każijiet fejn il-liġi ta' Stat Membru tistabbilixxi l-obbligu għall-fornituri ta' muturi ta' tfittxija li jippubblikaw deċiżjonijiet jew dokumenti li fihom informazzjoni personali, jew li tawtorizza lill-awtoritajiet pubbliċi jitolbu din il-pubblikazzjoni, għandha tiġi applikata l-eżenzjoni li hemm fl-Artikolu 17.3.b tal-GDPR.
60. Din l-applikazzjoni għandha tqis it-termini li fihom hemm stabbilit li, il-manutenzjoni tal-informazzjoni inkwistjoni hija meħtieġa sabiex jintlaħaq l-obbligu legali tal-pubblikazzjoni. Pereżempju, li obbligu legali, jew id-deċiżjoni ta' awtorità legalment intitolata li tadottah, jistgħu jinkludu limitu ta' żmien għall-pubblikazzjoni, jew għall-finijiet iddikjarati b'mod espliċitu li setgħu ntlaħqu f'ċertu perijodu ta' żmien. F'dawn il-każijiet, jekk it-talba għal tneħħija mil-lista ssir wara li jkunu għaddew dawn il-limiti ta' żmien, l-eżenzjoni m'għandhiex titqies aktar applikabbli.
61. Għall-kuntrarju, huwa frekwenti li l-liġi ta' Stat Membru tipprevedi l-pubblikazzjoni fuq il-paġni tal-internet ta' informazzjoni li fiha *data* personali. Dan l-obbligu legali għall-pubblikazzjoni jew il-manutenzjoni tal-informazzjoni ppubblikata ma jistax jiġi kkunsidrat bħala kopert mill-eżenzjoni li hemm fl-Artikolu 17.3.b tal-GDPR minħabba li mhuwiex dirett lejn il-fornitur ta' mutur ta' tfittxija iżda lejn il-pubblikaturi tal-internet li l-kontenut tagħhom hemm link għalih fl-indiċi tal-fornitur tal-mutur ta' tfittxija. Għaldaqstant, il-fornitur ta' mutur ta' tfittxija ma jistax jinvoka l-eżistenza tal-obbligu biex jirrifjuta talba għal tneħħija mil-lista.
62. Madankollu, l-obbligu legali għal publikazzjoni indirizzata lil publikaturi tal-internet oħra għandhom jitqiesu meta jiġi stabbilit il-bilanċ bejn id-drittijiet tas-suġġetti tad-*data* u l-interess tal-utenti tal-internet fl-aċċessar għall-informazzjoni. Il-fatt li informazzjoni għandha tiġi ppubblikata online permezz ta' mandat legali, jew wara d-deċiżjoni ta' awtorità legalment intitolata li tadottaha, huwa indikattiv ta' interess li l-pubbliku jkun jista' jaċċessa dik l-informazzjoni.
63. Din il-preżunzjoni ta' eżistenza ta' interess prevalenti tal-pubbliku ma toperax bl-istess mod fir-rigward tal-paġni tal-internet li oriġinaw meta kkumparat mal-indiċi tar-riżultati ta' fornitur ta' mutur ta' tfittxija. Għalkemm l-obbligu legali biex tiġi ppubblikata informazzjoni fuq ċertu sit web jista' jwassal għal konklużjoni li din l-informazzjoni m'għandhiex titħassar minn dik il-paġna tal-internet, id-deċiżjoni fir-rigward tar-riżultati offruti mill-fornitur tal-mutur ta' tfittxija meta l-isem tas-suġġett tad-*data* huwa ġeneralment użat bħala terminu ta' tfittxija tista' tkun differenti.
64. L-evalwazzjoni tat-talba għal tneħħija mil-lista f'dawn il-każijiet m'għandhiex tassumi li l-eżistenza tal-obbligu legali għal publikazzjoni neċessarjament timplika li, sa fejn dan l-obbligu huwa impost fuq il-pubblikaturi tal-internet oriġinali, mhuwiex possibbli li tiġi aċċettata t-tneħħija mil-lista mill-fornitur tal-mutur ta' tfittxija.
65. Id-deċiżjoni għandha tittieħed, bħalma hi r-regola ġenerali, permezz tal-ibbilanċjar tad-drittijiet tas-suġġett tad-*data* u l-interess tal-utenti tal-internet biex jaċċessaw din l-informazzjoni permezz tal-fornitur tal-mutur ta' tfittxija.

2.2.2 Prestazzjoni ta' komputu mwettaq fl-interess pubbliku jew fl-eżerċizzju ta' awtorità uffiċjali

66. Il-fornituri ta' mutur ta' tfittxija mhumiex awtoritajiet pubbliċi u għaldaqstant ma jeżerċitawx is-setgħat pubbliċi weħidhom.
67. Madankollu, jistgħu jeżerċitaw dawk is-setgħat jekk ikunu ġew attribwiti mil-liġi ta' Stat Membru jew tal-Unjoni. Bl-istess mod li jkunu jistgħu jwettqu missjonijiet ta' interess pubbliku jekk l-attività tagħhom tkun ġiet ikkunsidrata meħtieġa biex tissodisfa l-interess pubbliku skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali¹⁹.
68. Fid-dawl tal-karatteristiċi tal-fornituri tal-muturi ta' tfittxija, huwa improbabbli li l-Istati Membri jagħtuhom setgħat pubbliċi jew jikkunsidraw li l-attività tagħhom jew parti minnha hija meħtieġa għall-ksib ta' interess pubbliku stabbilit legalment.
69. Jekk, minkejja dan, hemm każ fejn il-liġi tal-Istati Membri tagħti setgħat pubbliċi lill-muturi ta' tfittxija jew torbot l-attività tagħhom mal-ksib ta' interess pubbliku, jistgħu jibbenefikaw mill-eżenzjoni stipulata fl-Artikolu 17.3.b tal-GDPR. F'dan il-każ, dawn il-kunsiderazzjonijiet, li saru qabel fuq il-każijiet fejn il-liġi ta' Stat Membru kienet stabbilit obbligu legali biex tiġi proċessata informazzjoni għall-fornituri ta' muturi ta' tfittxija, huma wkoll validi.
70. Biex jiġi deċiż li talba għal tneħħija mil-lista ma tiġix segwita minħabba raġunijiet relatati ma' din l-eżenzjoni, huwa neċessarju li jiġi determinat jekk il-manutenzjoni tal-informazzjoni fir-risultati tal-muturi ta' tfittxija hijiex meħtieġa għall-ksib ta' tfittxija tal-interess pubbliku jew għall-eżerċizzju tas-setgħat tal-prokura.
71. Min-naħa l-oħra, jekk id-definizzjoni legali ta' setgħat jew interess pubbliku titwettaq minn Stat Membru, u jekk il-mutur ta' tfittxija jirrifjuta talba għal tneħħija mil-lista abbażi ta' din l-eżenzjoni, għandu wkoll jinftehem li dan jagħmilha minħabba li jqis li l-attività tiegħu hija meħtieġa għall-ksib tal-interessi pubbliċi. Il-fornitur tal-mutur ta' tfittxija għandu, f'dak il-każ, jipprovi raġunijiet għalfejn huwa jqis li l-attività tiegħu għandha titwettaq fl-interess pubbliku. Mingħajr din l-ispjegazzjoni, ir-rifjut li tiġi segwita t-talba tas-suġġett tad-*data* għal tneħħija mil-lista ma jkollux il-possibilità li jiddependi fuq din l-eżenzjoni.
72. Għaldaqstant, għandha tkun l-Awtorità Superviżorja tal-Istat Membru li l-liġi tiegħu hija applikabbli li għandha tindirizza lment potenzjali skont l-Artikolu 55.2 tal-GDPR.

2.3 Raġunijiet ta' interess pubbliku fil-qasam tas-saħħa pubblika

73. Din l-eżenzjoni hija każ speċifiku bbażat fuq il-fatt li l-ipproċessar huwa meħtieġ għall-prestazzjoni ta' interess pubbliku.
74. F'dan il-każ, l-interess pubbliku huwa limitat għall-qasam tas-saħħa pubblika iżda, bħall-interess pubbliku fi kwalunkwe qasam ieħor, il-bażi legali għall-ipproċessar għandu jiġi stabbilit fil-liġi tal-Unjoni jew fil-liġi tal-Istat Membru.
75. Mill-perspettiva tal-applikazzjoni ta' din l-eżenzjoni fil-kuntest tal-attività tal-fornitur tal-mutur ta' tfittxija, jistgħu jintlaħqu l-istess konklużjonijiet kif imsemmi hawn fuq. Ma jidhirx probabbli li l-liġi ta' Stat Membru jew tal-Unjoni tista' tistabbilixxi relazzjoni bejn l-attività tal-fornitur ta' mutur ta' tfittxija u l-manutenzjoni ta' informazzjoni jew ta' kategorija ta' informazzjoni fir-risultati tal-fornitur ta' mutur ta' tfittxija bil-ksib ta' finijiet ta' interess pubbliku fir-rigward tas-saħħa pubblika.

¹⁹ GDPR, l-Artikolu 6.3: "Il-bażi għall-ipproċessar imsemmi fil-punt (c) u (e) tal-paragrafu 1 għandha tkun stipulata minn:
(a) il-liġi tal-Unjoni; jew
(b) il-liġi tal-Istat Membru li għaliha huwa soġġett il-kontrollur (...)"

76. Din il-konklużjoni hija aktar evidenti jekk wieħed iqis li l-effett ta' tneħħija mil-lista huwa biss li xi riżultati jitneħħew mill-paġna tar-riżultati li tinkiseb meta prinċipalment jiddaħħal isem bħala kriterju ta' tfittxija. Iżda l-informazzjoni ma titneħħiex mill-indiċi tal-fornituri tal-muturi ta' tfittxija u tista' tinġabar permezz ta' termini ta' tfittxija oħra.
77. Għaldaqstant, huwa diffiċli li wieħed jimmaġina li ż-żamma ta' dawn ir-riżultati viżibbli meta prinċipalment isiru tfittxijiet abbażi tal-isem tas-suġġett tad-*data* tista' titqies, b'mod ġenerali, bħala xi ħaġa meħtieġa għal raġunijiet ta' interess pubbliku fil-qasam tas-saħħa pubblika.
78. Il-kriterji dwar l-applikabbiltà ta' standards nazzjonali u l-identifikazzjoni tal-Awtorità Superviżorja li għandha tindirizza l-ilmenti possibbli f'każ relatat mal-Artikolu 17 tal-GDPR li ġie rifjutat bl-użu ta' din l-eżenzjoni ġew diskussi hawn fuq.

2.4 Finijiet ta' arkivjar fl-interess pubbliku, finijiet ta' riċerka xjentifika jew storika jew finijiet ta' statistika skont l-Artikolu 89(1) sa fejn id-Dritt imsemmi fil-paragrafu 1 x'aktarx ikun ser jipprevjeni jew ixekkel serjament il-ksib tal-obiettivi ta' dan l-ipproċessar

79. F'dan ix-xenarju, il-fornitur ta' mutur ta' tfittxija għandu jkun jista' juri li t-tneħħija mil-lista ta' ċertu kontenut mill-paġna tar-riżultati huwa ostaklu serju jew jevita kompletament il-ksib ta' finijiet ta' riċerka xjentifika jew storika jew ta' finijiet ta' statistika.
80. Għandu jinftiehem li dawn il-finijiet għandhom jiġu mfittxija b'mod oġġettiv mill-fornitur tal-mutur ta' tfittxija. Il-possibiltà li t-trażżin ta' riżultati jista' b'mod sinifikanti jaffettwa l-finijiet ta' riċerka jew il-finijiet ta' statistika mfittxija mill-utenti tas-servizz tal-fornitur tal-mutur ta' tfittxija mhijiex rilevanti għall-applikazzjoni ta' din l-eżenzjoni. Dawn il-finijiet, jekk jeżistu, għandhom jitqiesu meta jiġi stabbilit bilanċ bejn id-drittijiet tas-suġġett tad-*data* u l-interessi tal-utenti tal-internet fl-aċċessar għall-informazzjoni permezz tal-fornitur tal-mutur ta' tfittxija.
81. Għandu jiġi nnutat ukoll li dawn il-finijiet jistgħu jiġu mfittxija b'mod oġġettiv mill-fornitur tal-mutur ta' tfittxija mingħajr ma tkun meħtieġa rabta bejn fil-prinċipju l-isem tas-suġġett tad-*data* u r-riżultati tat-tfittxija.

2.5 L-istabbiliment, l-eżerċizzju jew id-difiża ta' talbiet legali

82. Fil-prinċipju, huwa ferm improbabbli li l-fornituri ta' muturi ta' tfittxija jstgħu jużaw din l-eżenzjoni biex jirrifjutaw it-talbiet ta' tneħħija mil-lista tal-Artikolu 17 tal-GDPR.
83. Għandu jiġi enfasizzat aktar li talba ta' tneħħija mil-lista tassumi t-trażżin ta' ċertu riżultati mill-paġna ta' riżultati ta' tfittxija pprovduti mill-fornitur tal-mutur ta' tfittxija meta normalment jintuża l-isem ta' suġġett tad-*data* bħala kriterju ta' tfittxija. L-informazzjoni tibqa' aċċessibbli bl-użu ta' termini ta' tfittxija oħra.